Doctrina Fons
Omnium Bonorum

# KODIĊI

# TA'

# MĠIBA TAJBA

**Kulleġġ San Ġorġ Preca**
**Skola Medja**
**Triq Mountbatten**
**Blata l-Bajda**

# KODIĊI

# TA’

# MĠIBA TAJBA

Dan il-ktejjeb ġie maħruġ mill-Kulleġġ San Ġorġ Preca Skola Medja Blata l-Bajda

**Kulleġġ San Ġorg Preca**
**Skola Medja**
**Triq Mountbatten**
**Blata l-Bajda**

| | |
|---|---|
| **Tel:** | **25987400 (Mon – Fri 08:00 – 15:30)** |
| **Email:** | **sgpc.bbajda.ms@ilearn.edu.mt** |
| **Facebook:** | **https://www.facebook.com/blatalbajda** |
| **Website:** | **http://sgpc.blatalbajda.skola.edu.mt/** |

# IL-VIŻJONI TAGĦNA

Doctrina Fons Omnium Bonorum

It-tagħlim huwa s-sors ta’ kull ġid.

# IL-MISSJONI TAGĦNA

Aħna nemmnu li l-ambjent ġewwa l-iskola tagħna għandu jkun wieħed li fih l-istudenti jħossuhom protetti, aċċettati u mifhuma. Fl-istess waqt però, l-iskola temmen u taħdem ħafna biex tiżviluppa l-abbiltajiet diversi tal-istudenti li nilqgħu magħna bl-aħjar mod possibbli. L-għan tagħna huwa li din l-iskola tirrikonoxxi l-valuri u l-kapaċitajiet kollha tal-istudenti f’atmosfera ta’ rispett reċiproku. Barra minn hekk, l-impenn fix-xogħol tagħna u tal-istudenti huwa valur importanti ieħor. Huma dawn il-valuri u kapaċitajiet li aħna nimpenjaw ruħna li nrawmu fl-istudenti tagħna biex nibnu fihom pedamenti sodi għall-futur tagħhom biex ikunu ċittadini li jaqdu d-dmir tagħhom lejn is-soċjetà u lejn pajjiżna.

# MESSAĠĠ MILL-KAP TAL-ISKOLA

Għeżież Studenti u Ġenituri,

F'dan il-ktejjeb ser issibu linji gwida dwar imġiba mistennija minnkom bħala studenti tal-Iskola Sekondarja Blata l-Bajda. Dawn il-linji gwida huma mmirati biex intom titgħallmu f'ambjent kalm, fi sfond ta' prinċipju bażiku, dak tar-**RISPETT**.

Parti minn dawn il-linji gwida jitkellmu dwar l-uniformi u d-dehra tagħkom. Għal xi wħud minnkom din il-ħaġa forsi ma tantx tagħmel sens u tistaqsu: "Mhux xorta nitgħallmu?". Veru minn daqshekk, imma l-uniformi hija dik l-għodda li biha intom tirrappreżentaw lill-iskola. Għandkom tkunu kburin bid-dehra li intom tagħtu lill-iskola tagħna.

Dan il-ktejjeb jitkellem ukoll dwar x'inhu mistenni minnkom waqt il-lezzjonijiet u l-attivitajiet u x'inhu permess li ġġibu magħkom l-iskola. Dan kollu biex intom ikollkom l-opportunità li tingħataw l-aħjar tagħlim possibbli.

Konvinti li mingħandkom il-ġenituri se jkollna bħal dejjem il-koperazzjoni assoluta tagħkom u li se taraw li uliedkom jimxu ma' dawn ir-regoli. L-għan tagħna huwa wieħed komuni - dak li nsawru f'uliedkom prinċipji u valuri sodi biex fil-futur ikollna ċittadini responsabbli.

**Annabelle Borg Gaffarena**
**Kap tal-Iskola**

# 1. L-UNIFORMI

## A. L-Uniformi

- L-istudenti għandhom jiġu l-iskola libsin l-uniformi tal-iskola kif suppost.
- L-uniformi trid tintlibes kollha kemm hi. Jekk għal xi raġuni valida xi ħadd ma jkunx jista' jiġi l-iskola bl-uniformi, għandha tinġieb nota iffirmata mingħand il-ġenitur/kustodju, li fiha jkun spjegat għala l-uniformi ma ntlibsitx. Din in-nota trid tiġi ffirmata mill-Assistent Kap tal-*form* filgħodu qabel tibda l-*assembly*. Jekk dan ma jsirx, l-istudent/a jintbagħat jew tintbagħat id-dar.
- L-istudenti jistgħu jilbsu biss il-qliezet li jinxtraw mal-kumplament tal-uniformi. L-istudenti ma jistgħux jilbsu qliezet oħra, bħal qliezet dojoq ħafna, qliezet ta' *tracksuits* jew *leggings*. Divided skirt li kien jintlibes fil-primarja mhux permess.

- Partijiet tal-uniformi li jistgħu jintilfu, bħal ġakketta, *jersey*, jew *blazer*, għandhom ikunu mmarkati bl-isem u kunjom tal-istudent.
- L-uniformi għandha tinżamm nadifa u mhux imqattgħa. Mhux permess tħażżiż fuq l-uniformi.
- F'każi fejn l-istudenti ma jkunux libsin l-uniformi kif xieraq, l-amministrazzjoni tal-iskola ċċempel lill-ġenituri/kustodji biex iġibulhom l-uniformi. Jekk dan ma jkunx jista' jsir, l-istudent jista' jintbagħat id-dar. Mhux eskluż li jittieħdu passi dixxiplinarji oħra.

## B. L-Uniformi tas-subien u tal-bniet tas-sajf u tax-xitwa – no coulottes



- Żarbun iswed ċatt u magħluq li bih it-tfal ma jixxarbulhomx saqajhom fix-xita. Jista’ jkun bil-lazz jew bil-velcro. (Ħares lejn l-istampi).
- Żraben oħra bħal ballerina *shoes*, żraben bit-takkuna, bil-*platform* jew bit-tromba mhux aċċettati.
- Il-kalzetti jridu jkunu griżi jew suwed.





## D. Ġakketta tax-xita (Anorak)

- F’każ li jkun il-bard jew ix-xita, l-istudenti tal-Form 1 u tal-Form 2 għandhom jilbsu l-ġakketta tal-Kulleġġ (Anorak).
- Studenti li qegħdin fil-ħames sena jistgħu jilbsu ġakketta sewda jew blu skur, minħabba li m’hemmx ġkieket il-qies tagħhom. Ġgieget u hoodies bil-kliem m’humiex permessi.
- Xalel jistgħu jkunu griżi jew suwed.
- Mhux permessi brieret jew *beanies*.



## E. Tal- P.E.


KULLEĠĠ
SAN ĠORĠ PRECA
P.E. Kit
PANTONE Colour Code
200C
Warm Grey 6C
Cool Grey 11C
446C

- L-istudenti għandhom jilbsu l-uniformi tal-P.E. biss meta għandhom il-lezzjoni tal-P.E.
- Jekk l-istudenti jkollhom xi attività sportiva waqt il-brejk meta ma jkollhomx lezzjoni tal-P.E., huma għandhom ibiddlu l-ħwejjeġ l-iskola.
- Għal-lezzjonijiet tal-P.E. jintlibsu wkoll kalzetti bojod u *gym shoes* bojod jew suwed b'qiegħ sod u mhux tad-drapp.
- Ix-*shorts* ma jistax jintlibes mid-dar, imma jintlibes biss għal-lezzjoni tal-P.E.

## F. Il-Basket tal-Iskola

- L-istudenti għandhom jużaw basket tal-iskola f'kundizzjoni tajba; nadif u bla tħażżiż.
- *Handbags* jew basktijiet tal-*isports* mhumiex permessi.
- Huwa **DMIR** tal-istudenti li fil-basket ikollhom l-affarijiet meħtieġa għall-iskola. Dawn jinkludu pokit, djarju

tal-iskola, kotba, pitazzi u karti meħtieġa.

- L-amministrazzjoni tal-iskola se tagħmel *spot checks* regolari fil-basktijiet.

## G. L-Użu tad-Djarju

- L-istudenti kollha irid ikollhom d-djarju tal-iskola/kulleġġ u mhux xi djarju ieħor. Dan jinxtara mill-iskola fil-bidu tas-sena skolastika.
- L-istudenti iridu jiktbu x-xogħol kollu mogħti lilhom fuq id-djarju.
- Kull ġimgħa l-form teacher ser j/tiċċekkja id-djarju biex j/tara li dan qed jintuża b'mod tajjeb.
- Jekk id-djarju jintilef jew ma jinżammx sew, ikollu jinxtara ieħor.

## H. Fardal tal-*Home Economics*

- Għal-lezzjonijiet tal-prattika biss jintlibes fardal li jista' jinxtara mill-ħanut li jbigħ l-uniformi flimkien ma' *scarf* jew kappell abjad li jintużaw mill-koki.

## I. Xagħar

- Mhux permess li l-istudenti jkollhom xagħarhom miżbugħ b'mod li ma jidhirx naturali.
- Ix-xagħar ma jistax ikun imqaxxar qasir ħafna u bi stil mhux addattat għall-iskola.
- Xagħar twil għandu jinżamm miġbur f'toppu, qagħqa jew malju bħala prevenzjoni mid-dud fir-ras.
- Aċċessorji tax-xagħar għandhom ikunu suwed.

## J. Dwiefer, *Make Up, Piercing* u Ġojjellerija

- Id-dwiefer għandhom jinżammu qosra u naturali.
- *Nail polish* u *make up* mhux permessi.
- Ċrieket, ġiżirajjen, imsielet, brazzuletti u kull tip ta' *studs* u *piercing* (fuq l-għajnejn, fl-ilsien u fl-imnieħer, eċċ) mhumiex aċċettati. Dawn jiġu meħuda minnufih.
- Il-bniet jistgħu jilbsu biss imsielet mal-widna (qosra).

# 2. Rispett u Mġiba Tajba

L-iskola ma niġux biss biex nitgħallmu s-suġġetti, imma biex insiru ċittadini maturi li nuru rispett lejna nfusna, lejn min imexxina u lejn xulxin. Għalhekk, hu l-għan tal-iskola tagħna li b'rispett u b'dixxiplina l-istudenti jirnexxilhom jiżviluppaw il-personalità tagħhom u jħossuhom tajjeb magħhom infushom u mal-oħrajn.

B'dan il-għan f'moħħna importanti li nimxu ma' dawn ir-regoli:

**A. Rispett lejn l-għalliema**

L-istudenti għandhom...

- juru rispett lill-għalliema kollha bil-mod kif jitkellmu u jġibu ruħhom magħhom. Jittieħdu passi dixxiplinarji jekk l-istudenti jonqsu mir-rispett lejn xi għalliema.
- jaslu fil-ħin għal-lezzjonijiet kollha.
- iġibu ruħhom sew waqt kull lezzjoni.

## B. Rispett lejn studenti oħra

- L-istudenti għandhom jirrispettaw u jgħinu lil xulxin.
- Logħob tal-idejn u logħob goff mhux permess.
- M'għandux jintuża kliem mhux xieraq.
- L-istudenti m'għandhomx imissu jew jagħmlu ħsara lill-affarijiet ta' ħaddieħor, lanqas biex jiċċajtaw. Min jisraq jew jagħmel ħsara lill- affarijiet ta' ħaddieħor jew tal-iskola jkollu jħallas.
- Il-*bullying*, kemm dak fiżiku, verbali u emozzjonali, kif ukoll *cyber bullying* mhux tollerat. Kull tip ta' *bullying* għandu jiġi rrappurtat mill-ewwel lill-Kap tal-iskola, lill-*Guidance Teachers* jew lil xi membru ieħor tal-istaff.

## C. Vjaġġar bit-trasport tal-iskola

- L-istudenti li jużaw it-trasport tal-iskola għandhom iġibu ruħhom sew kemm waqt li qed jistennew il-karozza kif ukoll waqt il-vjaġġ.

- Waqt il-vjaġġ l-istudenti għandhom jaqflu s-*seat belts* u jibqgħu f'posthom.
- Għajjat, kliem ħażin, tipjip, tfigħ ta' oġġetti mit-twieqi, ħmieġ u vandaliżmu mhux aċċettati.
- Min ma jġibx ruħu sew ma jitħalliex juża dan is-servizz.
- Min jagħmel il-ħsara jrid iħallas.
- Meta l-istudenti jaslu l-iskola għandhom jibqgħu deħlin ġewwa u ma jistgħux joħorġu mingħajr permess.

## D. *Mobiles, MP3 players, tablets,* kameras tar-ritratti u oġġetti oħra

- *Mobiles*, *MP3 players*, *tablets* u kameras tar-ritratti mhux permessi fl-iskola.
- Jekk dawn l-oġġetti jinġiebu l-iskola bla permess, jiġu kkonfiskati u jingħataw lura wara ġimgħa. F'din il-ġimgħa l-iskola mhix responsabbli ta' dawn l-oġġetti.
- Jekk ikun hemm bżonn li l-istudenti jċemplu d-dar, tkun l-amministrazzjoni tal-iskola stess li tħallihom jużaw it-telefon tal-iskola.

- F'każijiet serji fejn ikun hemm bżonn li l-istudenti jġibu magħhom il-*mobile*, il-ġenituri/kustodji tal-istudenti għandhom jitolbu permess minn qabel billi jiġu jkellmu personalment lill-Kap tal-iskola u jispjegaw b'mod ċar ir-raġuni. F'każijiet bħal dawn fejn l-istudenti jingħataw dan il-permess speċjali, huma għandhom jagħtu l-*mobile* lill-Assistent Kap tagħhom l-ewwel ħaġa kif jaslu. Il-*mobile* jingħata lura lill-istudenti fl-aħħar tal-ġurnata. **KAŻIJIET BĦAL DAWN HUMA EĊĊEZZJONI MHUX IN-NORMA.**
- Jekk jinstab *mobile* bla permess, jiġu meħuda kemm il-*mobile* kif ukoll is-*sim card* u t-tnejn li huma jinżammu għall-ġimgħa u biex jingħataw lura jridu jiġu l-ġenituri għalihom.
- L-istudenti m'għandhomx iġibu ammonti kbar ta' flus magħhom.
- L-istudenti m'għandhomx iġibu magħhom oġġetti li jiswew ħafna flus.
- Sigaretti, sulfarini, *lighters*, u oġġetti perikolużi mhumiex permessi.
- L-amministrazzjoni tal-iskola tagħmel *spot checks* regolari fil-basktijiet u jekk jinstabu

oġġetti mhux permessi, jittieħdu passi dixxiplinarji.

## E. *Assembly*

- Qabel l-*assembly* mhux permess li l-istudenti jkunu fil-kurituri jew fil-klassijiet. F'każ li jkun il-maltemp, l-istudenti jingħataw permess joqogħdu fil-kuritur.
- Kulħadd għandu jasal fil-ħin għall-*assembly*.
- Jindaqqu żewġt iqniepen. Mal-ewwel qanpiena kulħadd għandu jimxi lejn il-post fejn issir l-*assembly*. Mat-tieni qanpiena kulħadd għandu jkun f'postu biex tibda l-*assembly*.
- Waqt l-*assembly* l-istudenti jridu jkunu f'posthom mal-klassi tagħhom.
- Kif tispiċċa l-assembly kull klassi tmur fil-klassi tagħha mal-għalliem/a tal-ewwel lezzjoni.

## F. Attendenza u puntwalità

- L-attendenza tittieħed mill-Form Teacher l-ewwel ħaġa fil-għodu.
- L-iskola tibda' fit-tmienja u nofs u allura kulħadd għandu jasal sa dak il-ħin.
- Min jasal tard irid jirreġistra ismu fuq ktieb apposta għand ir-*receptionist* u jinżamm fil-brejk ta' nofsinhar skond il-ħin kemm ikun ġie tard. Jekk xi ħadd ma javżax, jiġi mniżżel bħala *absent*.
- Meta xi ħadd ma jiġix skola irid iġib il-formola tal-assentejiżmu mimlija mill-ġenituri/kustodji bir-raġuni għala ma ġiex. Din il-formola qed titqassam flimkien ma' dan il-ktejjeb. Kopji oħra jistgħu jiġu mniżżla mill-websajt tal-iskola. Din il-formola tingħata lill-Assistent Kap tiegħu biex tiġi ffirmata u wara tingħata lill-iskrivana fir-*reception*.
- Meta xi ħadd ma jattendix għal aktar minn tlett ijiem, irid iġib ċertifikat mediku.
- Meta l-istudenti jkollhom bżonn jitilqu kmieni mill-iskola, irid jiġi għalihom xi ħadd mill-ġenituri jew min jieħu ħsiebhom.

Min jiġi għandu jippreżenta il-karta tal-identita' u jiffirma. **Ħadd ma ser jitħalla jitlaq waħdu mill-iskola.**

## G. Waqt u bejn il-lezzjonijiet

- L-istudenti għandhom iġibu rispett lill-għalliem/a u lil sħabhom billi jġibu ruħhom sew, ma jtellfux u ma jgħajtux.
- Ħadd m'għandu joħroġ mill-klassi bla permess miktub mill-għalliem/a.
- M'hemmx ġiri fil-kurituri.
- L-istudenti għandhom imorru t-*toilet* bil-permess tal-għalliem/a.
- Mhux permess ikel waqt il-lezzjonijiet.
- Meta jużaw it-taraġ l-istudenti għandhom jitilgħu man-naħa tal-poġġaman u jinżlu man-naħa tal-ħajt kif indikat mal-art.

## H. Fil-brejk

- L-istudenti ma jistgħux jibqgħu fil-klassijiet jew fil-kurituri, sakemm ma jkunx ingħata permess.

- L-istudenti jridu joqogħdu f'postijiet li mhumiex *out of bounds*.
- Ġiri fil-ħamrija mhux permess.
- L-istudenti għandhom jibżgħu għas-siġar u pjanti.
- Fil-brejk l-istudenti huma mħeġġa jieħdu sehem f'attivitajiet jew *clubs* li jkunu organizzati. Dawn jiġu mniżżla fuq iċ-ċertifikat tal-aħħar.

## I. Xiri mit-*Tuck Shop*

- Xiri mit-*Tuck Shop* isir biss waqt il-brejk. Mhux permess li jsir xiri waqt jew bejn il-lezzjonijiet.
- L-istudenti għandhom iġibu ruħhom sew fit-*tuck shop*, inkella ma jitħallewx jużaw dan is-servizz.

## *J. Chewing Gum*

- *Chewing gum* mhux permess ġol-iskola.

## K. Indafa

- Il-klassijiet, il-btieħi u l-grawnds għandhom jinżammu dejjem nodfa.
- Għandhom jiġu użati l-*bins* normali u l-*bins* tar-riċiklar li jinsabu fil-klassijiet.
- It-*toilets* għandhom jitħallew nodfa u l-istudenti għandhom jaraw li jagħlqu l-vit.
- Kull min ikisser irid iħallas u min iħammeġ irid inaddaf.

## L. *Lockers*

- L-istudenti jistgħu jkollhom *locker*.
- Fil-bidu tal-ewwel sena skolastika l-iskola tiġbor €10 bħala ħlas għall-użu tal-*locker* għal sentejn.
- Il-membri tal-amministrazzjoni tal-iskola għandhom id-dritt li jiftħu l-*locker* mingħajr avviż biex jaraw x'hemm fih.
- L-istudenti huma responsabbli għal-*locker* tagħhom u għal kull ħsara li ssir lil-*locker*.
- L-affarijiet iridu jinħarġu mil-*locker* qabel ma tibda l-lezzjoni.
- L-istudenti ma jistgħux jiftħu *locker* ta' xi ħadd ieħor.

- Iċ-ċavetta tal-*locker* trid tinġieb l-iskola kuljum.
- L-istudenti ma jistgħux iġibu skuża li m'għandhomx ix-xogħol għax insew l-affarijiet fil-*locker*.

## M. Kif jintuża l-*locker*

- Meta l-istudenti jkunu qegħdin id-dar jippreparaw l-kotba għall-iskola, iridu jqassmu l-kotba fi tliet basktijiet tal-plastik jew ċarruta:

    - Basket numru 1 (B1) – bil-kotba tal-ewwel tliet lezzjonijiet;
    - Basket numru 2 (B2) – bil-kotba tar-raba', il-ħames u s-sitt lezzjoni;
    - Basket numru 3 (B3) – bil-kotba tas-seba' u t-tmien lezzjoni.

- Filgħodu, wara l-assembly, l-istudenti jpoġġu fil-*locker*, B2 u B3 u jżommu magħhom B1.
- Hekk kif iddoqq il-qanpiena għall-brejk il-qasir, l-istudenti jpoġġu fil-*locker* B1 u jieħdu B2. **L-istudenti ma jistgħux imorru għal-*locker* wara l-brejk.**

- Hekk kif iddoqq il-qanpiena għall-brejk it-twil, l-istudenti jpoġġu fil-*locker* B2 u jieħdu B3. **<u>L-istudenti ma jistgħux imorru għal-*locker* wara l-brejk.</u>**

L-istudenti għandhom ikunu responsabbli tal-kotba u l-materjal kollu tal-iskola li jħallu fil-*locker* – ħadd ma jista' jġib skuża li m'għandux xogħol għax nesa xi ħaġa fil-*locker*.

## N. Xogħol tal-iskola u xogħol tad-dar

- L-istudenti għandhom dejjem jagħmlu x-xogħol li l-għalliema jagħtuhom.
- Ix-xogħol dejjem għandu jingħata lill-għalliema fil-ħin.
- Ix-xogħol irid ikun pulit.
- L-istudenti għandhom dejjem iġibu l-pitazzi u l-kotba skont il-lezzjonijiet li jkollhom.

## O. It-tmiem tal-aħħar lezzjoni

- Fit-tmiem tal-aħħar lezzjoni jdoqqu żewġt iqniepen.
- Mad-daqq tal-ewwel qanpiena, l-istudenti għandhom jerfgħu l-affarijiet, jagħlqu t-twieqi u jitfu l-fannijiet u d-dwal.

- Meta ddoqq it-tieni qanpiena, l-istudenti għandhom joħorġu ringiela wara xulxin flimkien mal-għalliema tagħhom.

## P. Ħarġiet Edukattivi

- Minn żmien għal żmien l-iskola torganizza ħarġiet edukattivi.
- Dawn il-ħarġiet huma parti essenzjali mill-edukazzjoni tal-istudenti. Għalhekk dan ma jfissirx li l-istudenti jistgħu jibqgħu d-dar flok jiġu l-iskola.
- L-istudenti ma jitħallewx imorru fuq ħarġiet edukattivi jekk ma jġibux il-*consent form* iffirmata mill-ġenituri/kustodji.
- Min ikun iħallas għall-ħarġa u ma jiġix dakinhar, ma jingħatax il-flus lura.
- Jekk l-istudenti ma jiġux libsin l-uniformi jew it-*tracksuit* skont kif jgħidulhom l-għalliema, l-istudenti ma jitħallewx joħorġu.
- Min ma jġibx ruħu sew waqt ħarġa, ma jerġax jitħalla joħroġ.

## Q. Ġenituri/Kustodji fl-iskola

- Il-ġenituri/kustodji għandhom ikunu ta' eżempju tajjeb għal uliedhom.
- Il-ġenituri/kustodji għandhom juru rispett lejn l-membri tal-istaff tal-iskola u lejn l-awtorità tal-iskola.
- Huwa dmir tal-ġenituri/kustodji li jaraw li uliedhom jattendu l-iskola regolarment, li jaslu fil-ħin, li jkunu ndaf u li jġibu x'jieklu.
- Il-ġenituri/kustodji għandhom jinfurmaw lill-iskola jekk ikun hemm affarijiet importanti rigward uliedhom li l-iskola hemm bżonn tkun taf. Dan hu importanti biex l-iskola tkun tista' tgħin kemm tista' lill-istudenti f'dak kollu li hu possibbli.
- Il-ġenituri/kustodji huma mħeġġa jattendu għal-laqgħat u attivitajiet imħejjija għalihom minn żmien għal żmien.
- Mhux possibbli li l-ġenituri/kustodji jaqbdu u jiġu biex ikellmu lill-Kap tal-iskola, lill-Assistenti Kapijiet jew lill-għalliema. Biex jagħmel dan wieħed irid iċempel l-iskola biex jagħmel appuntament.

- Appuntamenti mal-Kap tal-iskola jsiru wara d-disgħa u nofs ta' filgħodu.
- Min jiġi l-iskola jrid jiġi liebes pulit u diċenti.
- Tipjip mhux permess ġewwa l-iskola.

## R. Is-Sistema tal-Punti

- Matul is-sena tiġi użata sistema ta' punti li biha tiġi kkontrollata l-imġiba tal-istudenti.
- L-istudenti li jġibu ruħhom ħażin jingħataw punti negattivi.
- Min iġib ruħu sew, jagħmel xogħol tajjeb u jirrispetta lill-oħrajn jingħata punti pożittivi.
- Il-punti jistgħu jingħataw mill-amministrazzjoni kif ukoll mill-għalliema, anke jekk dawn ma jkunux jgħallmu lill-istudenti.
- Imġiba ħażina tiġi rrapurtata. Kull rapport jiġi miżmum fuq is-sistema kompjuterizzata u jitla' mal-istudenti minn sena għal sena.
- F'din il-lista ta' hawn taħt għandkom lista ta' nuqqasijiet, il-punti, kif ukoll il-konsegwenzi ta' kif jissarfu l-punti.

| Nuqqas | Punti | Konsegwenzi oħra |
|---|---|---|
| Imġiba ħażina waqt lezzjoni | 1 | |
| Tard għal-lezzjoni | 1 | |
| Bla HW jew xogħol tal-klassi | 1 | |
| Mingħajr djarju | 1 | |
| Mingħajr djarju regolarment | 5 | |
| Mingħajr affarijiet meħtieġa | 1 | |
| Ħmieġ | 1 | Tindif tal-post |
| *Mobile* bla permess | 2 | Jittieħed mill-amministrazzjoni u jingħata wara ġimgħa meta jiġu l-ġenituri/kustodji għalih. |
| Basket vojt | 5 | Studenti ma jitħallewx jidħlu fil-klassi mingħajr affarijiet.<br>Iridu jinġiebu l-affarijiet mid-dar dak il-ħin. |
| Vandaliżmu | 5 | Tiswija/Ħlas |

<table>
<tr><td>Kliem vulgari/mhux xieraq</td><td>5</td><td>Tintalab skuża</td></tr>
<tr><td>Nuqqas ta’ ubbidjenza</td><td>5</td><td></td></tr>
<tr><td>Ma jmurx/tmurx għad-detention fil-brejk</td><td>5</td><td></td></tr>
<tr><td>Ġiri barra mill-klassi</td><td>5</td><td></td></tr>
<tr><td>Barra mill-klassi bla permess</td><td>5</td><td></td></tr>
<tr><td>Imġiba ħażina waqt ħruġ</td><td>5</td><td></td></tr>
<tr><td>Tipjip</td><td>25</td><td>Rapport immedjat</td></tr>
<tr><td>Skartar mill-iskola</td><td>25</td><td>Rapport immedjat</td></tr>
<tr><td>Iweġġa’/Tweġġa’ lil xi ħadd</td><td>25</td><td>Rapport immedjat</td></tr>
<tr><td>Bullying</td><td>25</td><td></td></tr>
<tr><td>Nuqqas ta’ rispett lejn l-istaff</td><td>25</td><td>Rapport immedjat</td></tr>
<tr><td>Serq</td><td>25</td><td>Rapport immedjat</td></tr>
<tr><td colspan="3">Il-punti jinġabru u jingħaddu mill-Assistent Kap tal-form, jintbagħat rapport lill-ġenituri u tiġi mogħtija konsegwenza.</td></tr>
<tr><td>Punti</td><td colspan="2">Konsegwenza</td></tr>
<tr><td>5</td><td colspan="2">Detention fil-brejk ta’ nofsinhar</td></tr>
<tr><td>6-10</td><td colspan="2">40 minuta wara l-ħin tal-iskola</td></tr>
<tr><td>11-15</td><td colspan="2">Half Day In-School Suspension</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| 16-25 | *Full Day In-School Suspension* |
| **Konsegwenzi oħra f'każijiet speċjali jew meta jakkumulaw numru ta' punti** | |
| Tingħata waħda minn dawn il-konsegwenzi skont kif deċiż mill-amministrazzjoni tal-iskola jew il-*Prefect of Discipline* tal-Kulleġġ: | |
| Sospensjoni mill-iskola | |
| Sospensjoni minn xi attivitajiet | |
| Nofs ta' nhar skola s-Sibt | |
| Jissejħu l-ġenituri biex flimkien ma' l-amministrazzjoni jiġi deċiż il-pass li jmiss | |

- L-amministrazzjoni żżomm id-dritt li:
  - tuża konsegwenzi oħra.
  - tirrevedi din is-sistema ta' punti skont il-bżonn.
  - taqbeż din is-sistema f'każijiet speċjali.

## S. Ċertifikati ta' Mertu

- L-iskola tippremja wkoll imġiba tajba.
- Għal dan il-għan l-amministrazzjoni u l-għalliema jistgħu jagħtu punti pożittivi jew

*merit cards* għal waħda jew aktar minn dawn ir-raġunijiet:

| | |
|---|---|
| Juri/Turi impenn u progress | Jgħin/Tgħin f'attivitajiet tal-iskola |
| Manjieri tajbin | Jagħti/Tagħti eżempju tajjeb |
| Djarju organizzat | Juri/Turi rispett lejn l-awtorità u lejn l-oħrajn |
| Jieħu/Tieħu inizjattiva | Jgħin/Tgħin lill-oħrajn |
| Uniformi pulita | Jibża'/Tibża' għall-propjeta' tal-iskola |
| Joqgħod/Toqgħod attent/a u jipparteċipa/tipparteċipa | Jagħti/Tagħti kas oħrajn |
| *Fair player* | |

- Kull *merit card* tiswa 5 punti.
- Punti pożittivi jissarfu hekk:

| **Punti** | **Ċertifikat** |
|---|---|
| 10 jew 2 *merit cards* | Ċertifikat tal-bronz |
| 15 jew 3 *merit cards* | Ċertifikat tal-fidda |
| 25 jew 5 *merit cards* | Ċertifikat tad-deheb |

- Iċ-ċertifikati jitqassmu darba kull term.
- Il-punti li ma jissarrfux f'ċertifikat, jibqgħu jgħoddu għat-term ta' wara.

**GRAZZI**